# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta 14 ta' Frar 2023

Kump. Numru 930/2015 YMS

**Il-Pulizija**

**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Oliver Agius**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi:

**Oliver Agius**, iben Victor u Helen née Greshon, imwieled il-Ħamrun nhar l-20 ta' April 1945, residenti 'Blue Harbour', Drake Res., Flt D8, Ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex u detentur tal-karta tal-identita' 358445(M).

Akkuzat talli:

Bejn l-20 ta' Novembru 2004 u 20 ta' Novembru 2009, bħala propjetarju u/jew amministratur tal-fond 28/27 Villa Mantoray, Triq il-Mielaħ, Swieqi, b'diversi azzjonijiet magħmulin minnek, ukoll jekk fiż-żmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżuluzzjoni waħda, kissirt il-gumni tas-servizz elettriku u cioè tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollok l-użu jew konsum tal-elettriku jew li bihom stajt twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew marker fl-istess meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata kkommettejt serq ta' kurrent elettriku liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' li jiskorri elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.37) u bil-'ħin' u dan għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta. (Art. 18, 261 (b), (c), (f), 263 (a), 264 (1) (2), 267, 270, 279 (b) Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.)

Il-Qorti ntalbet sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tapplika il-piena skond il-liġi tapplika wkoll provedimenti li hemm fl-Art 533 tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li wara li sar l-ezami tieghu , l-Imputat kien wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2011;[1]

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-24 ta' Awissu 2018 li mill-Kumpilazzjoni jirrizulta li tista' tinstab htija taht l-artikoli 18, 261 (b), (c), (f), 263 , 264 , 267, 270,278, 279 (b), 280, 281, u 283 Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.) Kif ukoll fl-artikoli 31, u 532A u 533 tal-Kodici Kriminali Kap9 tal-Ligijiet ta Malta

Rat il-verbal tas-16 ta' Ottubru 2018 fejn Oliver Agius stqarr li ma kellu oggezzjoni li l-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja[2] u din l-Onorabbli qorti kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat ix-xiehda viva voce
Rat li l-Imputat ghazel li ma jixhidx.
Rat b'mod partikolari uezaminat bir-reqqa r-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-Av. Mario Buttigieg[4].

---

[1] A fol. 15
[2] A fol. 24
[3] A fol. 191
[4] Dok. MB

Rat l-atti kollha
Semghet lill-Partijiet jittrattaw il-kaz.

Rat li l-kawza kienet differita ghas-sentenza

IKKUNSIDRAT:

Illi din il-kawza si tratta dwar serq ta' current elettriku.

Din l-Onorabbli Qorti ezaminat bir-reqqa d-dokumentazzjoni kollha, dak li kellhom xi ighidu x-xiehda u l-verzjonijiet kontrastanti. Semghet lill-Imputat jichad konsistentement l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Kif ukoll, ezaminat sew ir-relazzjoni b'xiehda ulterjuri u teknikament aktar preciza tal-Espert Tekniku li kien gie appuntat minn din l-Onorabbli Qorti. Din l-Onorabbli Qorti sejra tirreferi ghall-konkluzjonijiet tal-Espert Tekniku taghha, kif gej:-

"*Illi fl-għoxrin ta' Novembru 2009, saret spezzjoni minn ħaddiema tal-Enemalta ġo fond uffiċjalment msejjaħ 28/27 Villa Mantoray, Triq il-Mielaħ, Swieqi, din l-ispezzjoni saret fuq rapport mill-inkwilin peress l-arloġġ li kellu ried jibdlu minn three phase għal single phase.*

*Meta l-ħaddiema tal-Enemalta ħabtu l-bieb ta' barra, sabu l-ġardinar li jismu Joseph Attard, kien hu stess li fetaħ il-grada u daħħal impjegat tal-Enemalta fil-garaxx. Il-ħaddiem tal-Enemalta ġie muri fejn kien l-arloġġ u rriżulta li l-arloġġ tad-dawl kien maqful ġo kaxxa magħmula minn materjal tal-injam u li kien imwaħħal fuq injama. L-arloġġ tad-dawl kien qiegħed fil-ġemb mal-ħajt tal-bieb tal-garaxx.*

*Waqt l-ispezzjoni li l-ħaddiema tal-Enemalta għamlu, instab li l-arloġġ tad-dawl kien allegatament imbagħbas. Minn aktar stħarriġ, irriżulta li x-shants l-aħmar u l-isfar kienu meftuħin. Kien ukoll jidher li s-siġilli li jżommu l-base cover ġew allegatament imbagħbsin billi, skond l-impjegat, dawn ġew applikati sħana fuqhom u wara t-tbagħbis reġgħu ġew issiġillati b'xi għodda. Intant fuq dawn is-siġilli rriżulta li ma kien hemm l-ebda compression u mix-xhieda miġbura rriżulta wkoll li dawn is-siġilli ma kienux tal-fond relatati iżda kienu ta' fond ieħor.*

*L-arloġġ tad-dawl li kien imwaħħal f'dan il-fond kien ta' mudell 'Iskra' u kellu serial number ta' 2411704085387442. Dak il-ħin l-arloġġ tad-dawl kien qed jirreġistra. Ġie stabbilit li l-kont tad dawl joħroġ fuq Oliver Agius. Fix-xhieda li Agius ta lill-esponent, hu stqarrli hu qatt ma mess l-arloġġ tad-dawl. Minn naħa l-oħra Busuttil baqa' jinsisti li l-arloġġ kien imbagħbas. Busuttil baqa' jinsisti li s-siġilli tal-base cover kienu ġew imbagħbsa permezz ta' sħana. Mir-ritratti jidher is-siġilli ma sofrew l-ebda tidwib u deheru intatti. Minn aktar ġbir ta' provi, rriżulta li s-siġilli ma kienux allokati dan il-fond iżda żewġ propjetajiet oħra.*

*Illi l-esponenti jista jkun li x-shants instabu miftuħin illi bħala l-modus operandi ma seħħx kif ġie allegat minn Busuttil. Ħareġ manifestament ċar li qabel ma ġie mitkellem ankè mill-uffiċjali tal-Enemalta, Agius ma ġiex imwissi bis-solitu twissija kemm dik tas-silenzju u dik ta' avukat tal-fiduċja tiegħu.*"[5]

Din l-Onorabbli Qorti, ghalhekk, hi konvinta mill-konkluzjonijiet tal-Espert Tekniku u hija konvinta li "… *l-Prosekuzzjoni la rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-imputat li volontarjament ikkaguna hsara fil-meter tad-dawl in kwistjoni u wisq anqas li kien jaf b' dawn l-irregolaritajiet jew hsarat jew li huwa ried jisraq xi elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta*."[6]

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi Imputat hati tal-akkuzi fil-konfront tieghu kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u konsegwentement qieghda tilliberah.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**

---

[5] A fol. 21 sa fol. 22 tar-relalazzjoni [Dok. MB]
[6] Ara s-sentenza ta' din l-Onortabbli Qorti kif diversament ippresjeduta fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Roberto Said Sarrea vs Conrad Vassallo" deciza nhar l-4 ta' Dicembru 2015